**21 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Spiridione Curmi *et*

*versus*

Salvatore *sive* Saviour Curmi

**Eredità – Diviżjoni ta' Eredità – Diviżjoni Parzjali ta' Eredità – Diviżjoni Parzjali ta' Eredità mingħajr il-Kunsens ta' l-Interessati kollha**

*L-atturi talbu d-diviżjoni ta' Pitkalija li kienet tifforma pari minn eredità indiviża bejn il-kontendenti.*

*Skond ma ġie konstantement ritenut mill-Qrati tagħna, diviżjoni parzjali ma hix ammissibbli jekk ma jkunx hemm il-kunsens ta' l-interessati kollha. Il-konvenut f'din il-kawża parti interessata ma tax il-kunsens tiegħu għal diviżjoni parzjali.*

*Il-Qorti għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi għad-diviżjoni parzjali u laqgħethom limitatament għal dak li kien ir-rikavat mill-Pitkalija.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni illi bih l-atturi, wara illi ppremettew illi l-konvenut kien ġie nnominat mandatarju ta' ommu Carmela armla ta' Spiridione Curmi, ta' Emanuela mart Emanuel Azzopardi, ta' Angela mart Emanuele Grech u ta' Anna mart Giovanni Spiteri u dana bi skrittura privata ta' l-14 ta' Novembru, 1957 li kopja tagħha hi hawn annessa u mmarkata dokument "A"; bil-fakultà *"inter alia" to administer the* pitkalija formerly run by Spiridione Curmi;

Illi sal-mewt ta' Carmela Curmi l-konvenut kien jagħti lill-istess Carmela Curmi l-qligħ tal-pitkalija u li kienet ittih paga fissa, però wara dan il-mewt qatt ma ta xejn iżjed lill-atturi eredi tagħha u ta' żewġha;

Illi l-mandanti Carmela Curmi mietet kif juri ċ-ċertifikat anness u mmarkat Dokument "B" u peress li mietet intestata Dok. "Ċ", "D" u "E"' ħalliet bħala eredi lil ħames uliedha

ċjoè l-konvenut, u lil uliedha l-oħra ċjoè Paolo Curmi, Emanuela mart Emanuele Azzopardi, Angela mart Emanuel Grech u lil Anna mart Giovanna Spiteri kif juri ċ-ċertifikat "F";

Illi l-pitkalija formanti parti minn dan il-wirt għadha ma ġietx diviża bejn l-eredi jew id-dixxendenti tagħhom;

Illi Angela ġà armla ta' Emanuele Grech mietet intestata kif juru ċ-ċertifikati AG1, AG2, AG3, AG4 u ħalliet bħala eredi tagħha lis-seba' wliedha atturi ċjoè Carmelo, Joseph, Guido, Tony, Edgar, Doris mart Joseph Jones u Elizabeth mart Gerald Piscopo aħwa Grech Dok. AG5;

Illi Paolo Curmi miet intestat kif juru ċ-ċertifikati Dokumenti PC1, PC2, PC3, PC4 u ħalla bħala uniċi eredi tiegħu liż-żewġ atturi Spiridione u Anna xebba Curmi dokument PC5;

Illi qabel Carmela Curmi kien ġa miet intestat Spiridione Curmi kif juru d-dokumenti SC1, SC2, SC3, SC4 u ħalla bħala eredi lill-istess eredi li ħalliet martu Carmela kif fuq indikat;

Illi l-anqas il-parti tiegħu fil-pitkalija fl-eredità ta' Spridione Curmi ma ġiet diviża u fost l-assi ta' Spiridione u martu Carmela Curmi kien hemm ukoll dan in-negozju tal-pitkalija;

Illi l-atturi jixtiequ jiddividu l-pitkalija tal-mejtin ġenituri tagħhom;

Ukoll illi l-atturi jixtiequ sehemhom mill-qligħ ta' l-istess pitkalija mingħand il-konvenut; u kellhom jiftħu kawża sabiex il-konvenut jippreżenta rendikont;

Illi r-rendikont Dokument "X" mogħti mill-konvenut waqt l-istess kawża qed jiġi kkontestat mill-atturi peress illi huwa inveritier kif ser jirriżulta mit-trattazzjoni;

Illi fil-fatt dan ir-rendikont huwa inveritier u falz fil-partijiet kollha tiegħu ċjoè kemm fil-parti ta' l-*income*, kemm fil-parti ta' l-*Expenditure* kif ukoll tal-profitt apparti li ma jkoprix il-perijodu kollu bejn l-1957 u l-1984 u ma hux magħmul fil-forma li trid il-liġi peress li ma ġiex ippreżentat bid-dokumenti kollha li jiġġustifikawh;

Li l-atturi talbu lill-konvenut biex jippreżenta rendikont veritier u skond il-liġi permezz ta' ittra uffiċjali iżda xorta waħda baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut qatt ma ta lill-atturi s-sehem li kien jispetta lilhom mill-qliegħ magħmul mill-istess pitkalija li kien qed jamminsitra f'isimhom, u li baqa' jamministra anke wara li l-mandat ġie lilu rrevokat b'mewt jew b'xort'oħra;

U illi l-qliegħ tal-pitkalija u għalhekk is-sehem li kull wieħed mill-eredi jispettalu jista' jiġi stabbilit b'ċertezza minn sorsi governattivi;

Talbu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. tillikwida l-ammont li tiswa nofs il-pitkalija mħollija b'eredità minn tal-mejjet Spiridione Curmi wara li tieħu konjizzjoni ta' dak li ġa ħa l-konvenut;

2. taqsam dan l-assi partikolari hekk illikwidati bejn il-partijiet u ċjoè (1/5) kwint indiviż lill-konvenut, (1/10) parti minn

għaxra wkoll kull wieħed lil Spiridione Curmi u Anna Curmi, (1/35) parti minn ħamsa u tletin lil Carmelo, Joseph, Guido, Tony, Edgar, Doris mart Joseph Jones u Alice *sive* Elizabeth mart Gerald Piscopo aħwa Grech; (1/5) parti minn ħamsa lil Emanuela mart Emanuel Azzopardi u (1/5) parti minn ħamsa lil Anne mart Giovanni Spiteri – okkorrendo bin-nomina ta' Nutar biex jippubblika l-att tal-qasma fil-ġurnata ħin u lok li jiġu stabbiliti fis-sentenza u tal-kuraturi għall-kontumaċi u għall-assenti;

3. tillikwida l-ammont li tiswa nofs il-pitkalija mħollija fl-assi ereditarji tal-mejta Carmela Curmi wara li tieħu konjizzjoni ta' dak li ġà ġie meħud mill-konvenut;

4. taqsam dawn l-assi partikolari hekk illikwidati bejn il-partijiet ċjoè (1/5) kwint indiviż kull wieħed lill-konvenuti, lil Anna mart Giovanni Spiteri u lil Emanuela mart Emanuel Azzopardi; parti minn għaxra (1/10) kull wieħed lil Spiridione Curmi u Anna Curmi; (1/35) parti minn ħamsa u tletin kull wieħed lil Carmelo, Joseph, Guido, Tony, Edgar, Doris mart Joseph Jones u Alice *sive* Elizabeth mart Gerald Piscopo aħwa Grech, okkorrendo bin-nomina ta' Nutar biex jippubblika l-att tal-qasma fil-ġurnata, ħin u lok li jiġu stabbiliti fis-sentenza u tal-kuraturi għall-kontumaċi u għall-assenti;

5. tillikwida l-ammont, anke permezz ta' periti nominandi, li ġie rikavat mill-konvenut mill-ġestjoni tal-pitkalija mit-13 ta' April, 1972 'l hawn ċjoè minn wara l-mewt ta' Carmela armla ta' Spiridione Curmi;

6. tiddikjara li r-rendikont Dokument "X" huwa null u bla effett stante li huwa inveritier;

7. tordna li wara li jitnaqqsu l-ispejjeż il-konvenut iħallas lill-atturi sehemhom mir-rikavat tal-pitkalija kif illikwidat minn dina l-Qorti, u ċjoè in kwantu għal Anna mart Giovanni Spiteri u għal Emanuela mart Emanuel Azzopadi kwint ($^1/_5$) mir-rikavat kull wieħed, in kwantu għal Spiridione u Anna Curmi parti minn għaxra ($^1/_{10}$) kull wieħed mir-rikavat, in kwantu għal Carmelo, Joseph, Guido, Tony, Edgar, Doris mart Joseph Jones u Alice mart Gerald Piscopo aħwa Grech, parti minn ħamsa u tletin ($^1/_{35}$) kull wieħed mir-rikavat;

Il-konvenut hu nġunt jidher għas-subizzjoni;

Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-mewt ta' Spiridione Curmi;

*Omissis;*

Illi l-azzjoni attriċi in kwantu tolqot it-talbiet kollha, barra s-sitt (6) talba, hija rritwali peress li n-negozju tal-pitkalija kif jiddikjaraw l-istess atturi fir-raba' paragrafu taċ-ċitazzjoni tagħhom jifforma parti minn wirt indiviż u għalhekk ma jistgħux jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni parzjali ta' dan il-wirt kif qed jagħmlu u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Illi mingħajr preġudizzju għal premess is-sitt talba fl-att taċ-ċitazzjoni hija nulla peress illi l-impunjazzjoni tal-kont ma saritx skond l-artikoluu (392) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

*Omissis;*

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut qed jissottometti illi l-atturi ma setgħux jipproponu t-talbiet tagħhom magħmula bl-att ta' ċitazzjoni in eżami, b'eċċezzjoni tas-sitt (6) talba, għaliex permezz tagħhom qed jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni ta' parti biss ta' wirt indiviż;

Illi ma hemmx dubju illi l-atturi jaqblu illi l-pitkalija msemmija fl-att ta' ċitazzjoni hija biss waħda mill-assi tal-wirt illi għadu indiviż ta' Spridione u Carmela, konjugi Curmi, il-ġenituri tal-konvenut u ta' l-atturi Emanuela Azzopardi u Anna Spiteri, u n-nanniet ta' l-atturi l-oħra. Dan jirriżulta ċar – kif jgħid tajjeb il-konvenut – mir-raba' (4) premessa ta' l-att ta' ċitazzjoni;

Illi anqas ma hemm dubju illi permezz ta' l-ewwel erba' talbiet tagħhom l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-pitkalija biss;

Illi ġie kostantement ritenut mill-Qorti tagħna illi diviżjoni parzjali ma hix ammissibbli jekk ma jkunx hemm il-kunsens ta' l-interessati kollha (v. VOL. XXIX P. II, p. 940 "Pulo *vs* Pulo" u Vol. XXXV, P. II, p. 458 "Baldacchino *vs* Baldacchino"), u l-konvenut, illi huwa parti interessata, mhux qed jagħti l-kunsens tiegħu għad-diviżjoni parzjali, tant illi avvanza l-eċċezzjoni in eżami;

Illi, għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut kwantu tirrigwarda l-ewwel erba' talbiet attriċi għandha tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat:

Illli l-eċċezzjoni in eżami ma tistax tintlaqa' għal dak illi

jirrigwarda l-ħames (5) u s-seba' (7) talbiet attriċi għaliex permezz li dawn it-talbiet m'humiex għal-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-imsemmija pitkalija iżda għal-likwidazzjoni tal-qliegħ mill-ġestjoni ta' l-istess pitkalija magħmula mill-konvenut mid-data tal-mewt ta' l-aħħar waħda mill-konjugi Curmi hawn fuq imsemmija 'l quddiem (ħames talba) u għall-ħlas mill-konvenut lill-atturi tas-sehem tagħhom minn dan il-qliegħ (is-seba' talba). Ma jirriżulta illi hemm xejn irritwali fil-ħames (5) u fis-seba' (7) talbiet ta' l-atturi kif proposti;

A skans ta' ekwivoċi huwa utili illi jingħad illi dan il-ġudikat ma jirrigwardax is-sitt (6) talba attriċi, u dana peress illi l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut teskludi din is-sitt (6) talba;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut kwantu tirrigwarda l-ħames (5) u s-seba' (7) talbiet attriċi u tilqa' l-istess eċċezzjoni kwantu tirrigwarda l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet attriċi billi tiddikjarahom irritwali, u, konsegwentement tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju għar-rigward ta' l-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) talbiet attriċi, bl-ispejjeż soportabbli kwantu għal żewġ terzi (⅔) mill-atturi u kwantu għal terzi (⅓) mill-konvenut.